MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1560/2003

**Untours Insurance Agents Limited ghal Qatar Insurance surrogata fid-drittijiet ta' Vincent Briffa u l-istess Vincent Briffa**

**Vs**

**Felix Zahra**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm476.99c (erba' mija u sitta u sebghin lira Maltin u disgha u disghin centezmu) rappresentanti danni sofferti f'incident stradali li sehh il-Marsa fit-8 ta' Settembru 2001 bejn Opel Astra numru ALX 002 ta' l-attur u Hyundai Sonata numru FBH 563 misjuqa mill-konvenut.

Il-konvenut huwa kkundannat ihallas in linea ta' danni Lm226.99c (mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltin u disgha u

disghin centezmu) lill-Untours Insurance Agents Limited noe u Lm250.00c (mitejn u hamsin lira Maltin) lil Vincent Briffa.

Bl-ispejjez komprizi Lm11.50c (hdax-il lira Maltin) ta' ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------